Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Attard)

Vs

Paul Joseph Cachia

Seduta Rabat

Illum 24 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva quddiem dawn il-Qrati kontra:

**Paul Joseph Cachia** ta' 29 sena, iben Paul u Angolina nee' Galea, imwieled nhar it-3 ta' Dicembru 1991, resident Theresa, Flat 1, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 2392M,

Akkuzat talli fid-9 ta' Awwissu 2021 ghall-habta tal-10 am gewwa Triq San Piju V, Rabat, Malta:

1. Volontarjament ghidt kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

2. U aktar talli volontarjament ksirt il-paci u l-bon ordni b'ghajjat u storbju jew glied;

3. U aktar talli insulentajt, ingurjajt jew heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil persuna ta' Emidio Vella;

4. U aktar talli inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PS 2344, ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hellejtux jaqdi, jew fixkilt jew indhalt lill-imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

5. U aktar talli nqast li tattendi f'ghassa wara li inghatajt avviz mill-Pulizija sabiex taghmel dan wara li kont avzat kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi fl-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, sabiex taghti dak it-taghrif u/jew iggib mieghek dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinhtiegu fuq xi investigazzjoni, inqast li taghmel dan;

6. U aktar talli volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn Ewro 250 izda inqas minn Ewro 2,500 ghad-dannu ta' Emidio Vella;

7. U aktar talli bi hsieb biss li taghmel uzu temporanju taghha, soqt jew ressaqt jew mexxejt il-vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registratazzjoni ECG 924 minghajr il-kunsens ta' sid il-vettura msemmija jew minghajr xi awtorita' legittima.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra mil-piena applikabbli tapplika sec 328A, 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal harsien ta' Emidio Vella.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan huwa incidenti bejn il-kwerelant Emidio Vella u l-imputat Paul Joseph Cachia fejn allegatament meta kienu qed isuqu l-vetturi rispettivi fi Triq San Piju V, Rabat Malta, l-imputat hareg bil-goff mill-vettura tieghu u bil-bieba tieghu ghamel hsara fil-bieba tal-vittma bil-konsegwenza li din garrbet xi hsarat. Mhux hekk biss imma l-kwerelant jallega li l-imputat hareg mill-vettura fid-9 ta' Awwissu 2021 u beda joffendih tant li allarma ruhu minhabba l-aggressivita' tieghu. Wara li sehh dan, il-kwerelant baqa' sejjer l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat fejn ghamel ir-rapport tieghu wara li kien ha n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tal-aggressur. Din il-vettura attwalment

tghajjat lil certa Julie Cachia li hija sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ECG 924.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehdet **PS 2344 Abigail La Ferla** fejn spejgat l-investigazzjoni li hija ikkonduciet hekk kif dahal ir-rapport tal-kwerelant Emidio Vella fejn dan allega li s-sewwieq tal-vettura ECG 924 meta iltaqa' mieghu fi Triq San Piju V, Rabat, hareg ghalih, beda joffendih u bil-bieba tieghu, meta fetahha bil-goff ghamillu hsara fil-vettura tieghu. Il-vittma gharaf lill-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet ghalkemm mhux car kif tali identification parade sehhet gol-ghassa.[1] Is-surgent tishaq li baghtet fuq min kienet irregistrata il-vettura pero' hija qaltilha li ma kinitx qed issuqha hija fid-data tal-incident peres li kienet l-isptar u ma kienet awtorizzat lil hadd biex isuqha.

Xehed il-vittma **Emidio Vella** fejn spjega id-dinamika tal-incident. Hu jinsisti li x-xufier tal-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta hareg bil-goff mill-vettura u sabbat il-bieba tal-vettura tieghu ma' tieghu bil-konsegwenza li ghamillu l-hsara. Jghid ukoll li fil-vettura kien hemm zewg persuni, pero' ma jafx jekk il-passiggier kienx ta' sess maskili jew feminili. Jghid li x-xufier tal-vettura l-ohra beda joffendih b'familtu u hu hassu allarmat u ma harigx mill-vettura tieghu. Finalment jghid li wara li ha n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura hu baqa sejjer mill-ewwel l-ghassa. Hu gharaf lill-imputat fl-awla.

[1] Folio 3 sa 6.

Xehed **l-imputat** ukoll waqt is-seduta tat- 2 ta' Dicembru 2022 fejn ma jichadx li kien hemm l-inkontru waqt is-sewqan mal-vittma u lanqas jichad li huwa gholla lehnu pero' jghid li fl-ebda hin ma sabbat il-bieba tal-vettura tieghu gol-bieba tal-vettura tal-vittma u lanqas offendieh.

Xehed ir-rapprezentant ta' Transport Malta **Stephen Cachia** permezz ta' affidavit fejn qal li l-vettura ECG 924 hija registrata fuq Angolina k/a Julie Cachia K.I. 810553M u ilha hekk registrata mis-26 ta' Gunju 2020 jghid ukoll li Paul Joseph Cachia K.I. 2392M kellu l-licenzja sospiza mis-16 ta' Frar 2021.

Xehed **Johann Borg** in rapprezentanza ta' Mizzi Auto Repairs fejn ikkonferma l-istima fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LDL 115. Ikkonferma ukoll id-dokument RA 3.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuzi kollha huma dwar incident li sehh fid-9 ta' Awwissu 2021 ghall-habta tal-10 ta' fil-ghodu fir-Rabat.

Illi l-ewwel hames (5) akkuzi huma ta' natura kontravenzjonali u ghalkemm ma gietx sollevata il-preskrizzjoni mid-difiza, il-Qorti thoss li ghandha taghmel dan ex officio, minhabba li l-preskrizzjoni hija anness ma' kwistjoni ta' ordni pubbliku[2]. Ghall-kontravenzjonijiet il-perjodu preskrittiv huwa ta' tlett (3) xhur.[3]

Il-Qorti hija perplessa kif kaz semplici bhal dan thalla jkarkar xhur u skond l-ahhar aggornament li hemm fuq l-NPS report 7/Q/1945/2021

[2] **Il-Pulizija vs Rita Farrugia** (App. Nru. 214/2001) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Patrick Vella.
[3] Art. 668 (e ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

inghalaq b'mod definittiv fis-7 ta' Novembru 2021, ossija kwazi tlett (3) xhur wara li gara l-akkadut. Barra minn dan l-avviz ta' dehra huwa iffirmat mill-ispettur Roderick Attard fid-9 ta' Novembru 2021, jigifieri ezatt meta ghalqu t-tlett xhur[4]. Illi allura huwa tassew improbabli li fl-istess gurnata illi l-Ispettur iffirma u ttimbra l-akkuzi, dawn gew ukoll notifikati lill-imputat.

In oltre fl-atti ma tirrizultax ir-referta relattiva ghan-notifika tal-imputat u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda prova illi l-akkuzi gew notifikati lill-imputat qabel ghalaq it-terminu ta' tlett xhur impost mil-ligi ghall-kontravenzjonijiet.

Il-Qrati taghna sahqu diversi drabi dwar l-importanza li l-awtoritajiet ikun attrezzati u certa investigazzjonijiet isiru b'heffa specjalment dak l-istharrig, bhal fil-kaz odjern, li ma jkunx kumpless[5].

Apparti dan, ma gietx ppruvat li l-imputat qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku[6]; li ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija u b'mod specifiku dawk moghtija minn PS 2334[7] jew li gie mitlub imur go xi ghassa nhar id-9 ta' Awwissu 2021 u ma marx.[8] Se mai jekk ma obdiex li jmur go xi ghassa dan kien f'Novembru 2021 u mhux fid-data tal-akkuza. Fid-data tal-akkuza hadd ma jidher li ikkuntatja lill-imputat!

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-akkuzi numru wiehed sa hamsa ghar-ragunijiet fuq spjegati.

---

[4] Ara dwar l-importanza tar-referta u il-preskrizzjoni- **Il-Pulizija vs Alexander Michael Mifsud** (App. Nru. 105/2023) deciz mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri.

[5] Ara per ezempju **Il-Pulizija vs Carl Busuttil** ( App. Nru. 26/2022), **Il-Pulizija vs Therese Attard Flores** (App. Nru. 273/2017) u **Il-Pulizija vs Anthony Barbara** ( App. Nru. 411/2022) decizi mill-Qorti tal- Appell Kriminali kollha per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera kif ukoll **Il-Pulizija vs Saviour Carabott** (App. Nru. 502/2017) per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja.

[6] Akkuza numru 1.

[7] Akkuza numru 4.

[8] Akkuza numru 5. Lanqas l-ghassa indikata ma jidher li hija korretta ghax f' pagna sitta tal-NPS report is-surgent tindika l-ghassa tal-Hamrun u dan kien kif diga' inghad fis- 7 ta' Novembru 2021 u mhux fid-9 ta' Awwissu 2021.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti semghet u kellha l-opportunita' tara d-*demeanour* u cioe l-atteggjament tax-xhieda, ossija kemm tal-vittma kif ukoll tal-imputat u tqis li ghandha temmen lill-vittma. Huwa ta rakkont li huwa mhux biss dettaljat izda koerenti. Qal dak li ra, sema' u fejn ma kienx jaf jew ma kienx cert qal ukoll.

Mhux l-istess ghal dak li jirrigwarda l-imputat. Hu kien xott mhux biss fid-dinamika ta' fatti imma l-Qorti ma temmnux meta qal li gholla xi ftit lehnu biss. Il-Qorti hija moralment u fattwalment konvinta li l-imputat hareg mill-karrozza sabbat il-bieba mal-bieba tal-vittma u konsegwentement ghamillu l-hsara li qed jallega. L-imputat seta' jaghraf wkoll u janticipa li meta ser jiftah il-bieba bis-sahha allura kien ser jolqot u jikkaguna hsara fil-vettura tal-vittma.

Sfortunatament dawn it-tip ta' incidenti qed isiru aktar frekwenti u din il-Qorti MHUX ser taccetta tali atitudni minn sewwieqa fil-konfront ta' sewwieqa ohra. Jekk l-imputat deherlu li l-vittma ghamillu xi tort kellu kull opportunita' jirrikorri hu ghand il-pulizija u mhux jiehu l-ligi b' idejh!

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ghandha issib lill-imputat hati tas-sitt (6) akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward ta' l-akkuza numru sebgha (7), l-Artiklu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment is-segwenti:

*"61 (1) Kull min li bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju tagħha isuq xi vettura, kemm jekk immexxija b'forza mekkanika kemm b'mezz ieħor ikun li jkun, mingħajr ma jkollu l-kunsens tas-sid tagħha jew awtorità leġittima oħra, jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux*

*iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47) iżda mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.*

*………………………………………………………………………………*
*…………………*

*(3) Jekk waqt il-proċeduri taħt dan l-artikolu l-qorti tkun sodisfatta illi l-akkużat ikun aġixxa bi ħsieb raġonevoli, li l-piż tal-prova tmiss lill-akkużat, li kellu awtorità leġittima jew illi s-sid kien, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jagħti l-kunsens tiegħu li kieku kien ikun ġie hekk mitlub, l-akkużat ma għandux jeħel għal dan ir-reat.*

Dwar din l-akkuza l-Qorti mhix konvinta li huwa ma kienx awtorizzat isuq il-vettura minn Julie Cachia li jista' jkun addirittura kienet mieghu fil-vettura. F'kull kaz ladarba huwa ma kellux licenzja tas-sewqan valida kif jirrizulta mill-affidavit tas-Sur Stephen Cachia ta' Transport Malta allura kellhom jinhargu tip ta' akkuzi differenti relattivi ghas-sewqan minghajr assikurazzjoni u licenzja.[9]

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ma ghandhiex issib lill-imputat hati tas-seba' (7) akkuza.

[9] Folio 'RA 2' tal-process.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (bb), 338 (ee), 338 (dd), 339(1) (e), 335 AD (3)(4)(5), 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Paul Joseph Cachia MHUX HATI** tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba, tal-hames u tas-seba' akkuza filwaqt li qed issib lill-istess imputat **Paul Joseph Cachia HATI** tal-akkuza numru sitta (6) u qed tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum.

Inoltre il-Qorti qed tordna lill-imputat u tohrog Ordni ta' Pagament ai termini tal-Artiklu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat ihallas lill-vittma Emidio Vella is-somma kumplessiva ta' elf u tlett mija u Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1301.54c).[10] Dan il-hlas ghandu jitqies bhala dejn civili ghal kull effett u ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkostitwixxu titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum taht penali ta' elf euro (€1,000) biex ma jimmolestax jew idejjaq bl-ebda mod lill-vittma Emidio Vella.

[10] Dok RA 3 tal-process.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

(ft) Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

(ft) Annalise Mifsud

Deputat Registratur.